Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-6 ta' Frar 2018[1]

**Kawża C-390/16**

**Proċeduri kriminali**
**kontra**
**Dániel Bertold Lada**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Törvényszék (il-Qorti ta' Szombathelyi, l-Ungerija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Artikolu 82(1) TFUE – Prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI u Deċiżjoni 2009/316/ĠAI – Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) – Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI – Teħid inkunsiderazzjoni, fl-okkażjoni ta' proċedura kriminali ġdida, ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentament fi Stat Membru ieħor – Proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent minn qabel ta' din id-deċiżjoni li tikkundizzjona dan it-teħid inkunsiderazzjoni – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Obbligu li titħalla mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali kuntrarja għal deċiżjoni qafas"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tqajjem, essenzjalment, il-kwistjoni jekk deċiżjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru tistax tiġi eżaminata mill-ġdid fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent ta' din id-deċiżjoni implementata mill-qorti ta' Stat Membru ieħor u tkun is-suġġett, f'dan il-kuntest, ta' eżami mill-ġdid li jista' jwassal għal reviżjoni tal-imsemmija deċiżjoni – jiġifieri kwalifikazzjoni mill-ġdid tar-reat u bidla tal-piena mogħtija – sabiex tagħmilha kompatibbli mal-leġiżlazzjoni kriminali ta' dan l-aħħar Stat Membru.

2. Din it-talba għandha twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tispjega s-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[2]. Din ġiet ippreżentata fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' proċedura fl-Ungerija li kellha bħala għan ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali mogħtija minn qorti Awstrijaka kontra Dániel Bertold Lada.

3. Din hija eżempju addizzjonali tal-prassi segwita mill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward ta' sentenzi barranin f'materji kriminali. Skont din il-prattika, l-Igazságügyi Minisztérium (il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ungerija) jitlob lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li tat sentenza li tikkundanna lil ċittadin Ungeriż sabiex tintbagħat din is-sentenza. Din it-talba ssir biex timplementa proċedura bil-għan li tirrikonoxxi l-effettività tal-imsemmija sentenza fl-Ungerija. Is-sentenza kkonċernata, ladarba tiġi rrikonoxxuta fl-Ungerija, tkun għalhekk ikkunsidrata bħala ekwivalenti għal kundanna nazzjonali li tidħol fir-rekord kriminali.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 C-25/15, EU:C:2016:423.

4. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh[3], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, tas-26 ta’ Frar 2009, dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta’ informazzjoni estratta mir-rekords kriminali[4], u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, tas-6 ta’ April 2009, dwar l-istabbiliment ta’ Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas[5], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-implementazzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura nazzjonali speċjali ta’ rikonoxximent mill-qorti ta’ Stat Membru ta’ deċiżjoni ġudizzjarja finali mogħtija minn qorti ta’ Stat Membru ieħor li tikkundanna lil persuna għat-twettiq ta’ reat.

5. Fil-kuntest ta’ din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna li tkompli dak li ddeċidiet fis-sentenza tagħha tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh[6], li tirrigwarda l-istess proċedura nazzjonali ta’ rikonoxximent, billi din id-darba tinterpreta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI, tal-24 ta’ Lulju 2008, dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta’ kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda[7]. Din tkun it-tieni interpretazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni Qafas, peress li l-ewwel waħda wasslet għas-sentenza tal-21 ta’ Settembru 2017, Beshkov[8], li diġà ppermettiet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tevalwa l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta’ proċedura nazzjonali ta’ rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ta’ kundanna mogħtija fi Stati Membri oħra.

6. Id-Deċiżjonijiet Qafas 2009/315 u 2008/675 huma marbuta strettament flimkien, inkwantu tal-ewwel hija intiża sabiex tiffaċilita bejn l-Istati Membri l-iskambju ta’ informazzjoni relatata mar-rekords kriminali ta’ persuna kkundannata fi Stat Membru u t-tieni tippermetti, għaldaqstant, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kundanna jew il-kundanni hekk żvelati. It-titjib fl-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri ftit li xejn huwa utli jekk dawn ma jkunux f’pożizzjoni li jikkunsidraw l-informazzjoni mibgħuta. Barra minn hekk, biex ikun possibbli t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni barranin fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali ġodda, għad hemm bżonn li l-iskambji ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri jitjiebu.

7. Din il-kawża tipprovdi opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tispjega r-raġunijiet li għalihom l-Istati Membri ma jistgħux iżommu proċeduri nazzjonali ta’ rikonoxximent ta’ deċiżjonijiet ta’ kundanna mogħtija minn Stati Membri oħra, li bihom huma jeżaminaw mill-ġdid dawn id-deċiżjonijiet u, jekk ikun il-każ, jemendaw il-mertu biex jadattawhom għal-leġiżlazzjoni kriminali tagħhom. B’mod partikolari ser nispjega r-raġunijiet li għalihom it-teħid inkunsiderazzjoni ta’ tali sentenzi fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali ġodda, li huwa mitlub mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675, ma għandux ikun suġġett għat-twettiq minn qabel ta’ proċedura nazzjonali ta’ rikonoxximent ta’ dawn is-sentenzi.

8. Quddiem id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju dwar jekk id-deċiżjonijiet qafas jistgħux jiġu invokati fil-kuntest ta’ proċedura nazzjonali biex tiġi eskluża leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontrihom, jiena inklinat li nindika, fuq l-istess linji tal-Konklużjonijiet li ppreżentajt fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-29 ta’ Ġunju 2017, Popławski[9], r-raġunijiet li għalihom nikkunsidra li l-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni jitlob li d-deċiżjonijiet qafas għandu jkollhom tali invokabbiltà ta’ esklużjoni.

3 C-25/15, EU:C:2016:423.
4 ĠU 2009, L 93, p. 23.
5 ĠU 2009, L 93, p. 33.
6 C-25/15, EU:C:2016:423.
7 ĠU 2008, L 220, p. 32.
8 C-171/16, EU:C:2017:710.
9 C-579/15, EU:C:2017:503. Konklużjonijiet ippreżentati fil-15 ta’ Frar 2017 (Popławski, C-579/15, EU:C:2017:116).

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

*1. Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315*

9. Il-premessi 2, 3, 5 u 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315 jipprevedu:

"(2) Fid-29 ta' Novembru 2000 l-Kunsill […] adotta programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali […]. Din id-Deċiżjoni Qafas tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-miri previsti fil-miżura Nru 3 tal-programm […].

(3) Ir-Rapport Finali dwar l-ewwel eżerċizzju ta' valutazzjoni dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali […] talab lill-Istati Membri biex jissimplifikaw il-proċeduri għat-trasferiment ta' dokumenti bejn l-Istati, bl-użu jekk meħtieġ, ta' formoli standard biex tiġi faċilitata l-assistenza legali reċiproka.

[…]

(5) Bil-ħsieb li jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar rekords kriminali, huma milqugħa proġetti żviluppati bil-mira li jinkiseb dan l-għan […] tar-reġistri kriminali nazzjonali. L-esperjenza miġbura […] wriet l-importanza li jitkompla jiġi razzjonalizzat l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni dwar kundanni bejn l-Istati Membri.

(17) […] Il-ftehim reċiproku jista' jikber permezz tal-ħolqien ta' "format Ewropew standardizzat" li jippermetti l-iskambju tal-informazzjoni b'mod uniformi, elettroniku u li huwa faċilment tradott b'mezzi mekkaniċi. […]"

10. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, li jiddefinixxi l-għan ta' din id-deċiżjoni:

"L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa:

a) li tiddefinixxi l-modi kif Stat Membru fejn tingħata kundanna kontra ċittadin ta' Stat Membru ieħor (l-'Istat Membru li jikkundanna') jittrasmetti l-informazzjoni dwar tali kundanna lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna kkundannata (l-'Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna');

b) li tiddefinixxi l-obbligi ta' ħżin għall-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna u biex tispeċifika l-metodi li għandhom jiġu segwiti fit-tweġiba għal talba għal informazzjoni estratta mir-reġistri kriminali;

c) li tistabbilixxi l-qafas għal sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni bejn l-Istati Membri li għandha tinbena u tiġi żviluppata abbażi ta' din id-Deċiżjoni Qafas u d-deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 11(4)."

11. L-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, bl-isem "Obbligi tal-Istat Membru li jikkundanna", jipprevedi:

"[…]

2. L-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna għandha, kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe kundanna mogħtija fit-territorju tiegħu kontra ċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra, kif reġistrati fir-rekord kriminali.

[…]

3. L-informazzjoni dwar tibdil jew tħassir sussegwenti ta’ informazzjoni li tkun tinsab fir-rekords kriminali għandha tiġi trasmessa minnufih mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna.

4. Kwalunkwe Stat Membru li jkun ipprovda informazzjoni skont il-paragrafi 2 u 3 għandu jikkomunika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, fuq it-talba ta’ din tal-aħħar f’każijiet individwali, kopja tal-kundanni u l-miżuri sussigwenti kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għalihom sabiex din tkun tista’ tkkunsidra jekk dawn jirrkjedux xi miżura fuq livell nazzjonali.”

12. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, bl-isem “Obbligi tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna”, jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“L-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna għandha konformement mal-Artikolu 11(1) u (2), taħżen l-informazzjoni kollha trasmessa taħt l-Artikolu 4(2) u (3), sabiex tkun tista’ tittrasmettiha mill-ġdid konformement mal-Artikolu 7.”

13. L-Artikolu 11 ta’ din id-deċiżjoni qafas, intitolat “Format u modi oħra ta’ organizzazzjoni u faċilitazzjoni tal-iskambji ta’ informazzjoni dwar kundanni”, jipprevedi:

“1. Meta tiġi trasmessa informazzjoni konformement mal-Artikolu 4(2) u (3), l-awtorità ċentrali tal-Istat li jikkundanna għandha tittrasmetti l-informazzjoni li ġejja:

a) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa dejjem […] (informazzjoni obbligatorja):

   i) informazzjoni dwar il-persuna kkundannata (isem sħiħ, data tat-twelid, post tat-twelid […], sess, ċittadinanza u – jekk applikabbli – isem/ismijiet preċedenti);

   ii) informazzjoni dwar in-natura tal-kundanna (data tal-kundanna, isem tal-qorti, data li fiha d-deċiżjoni saret finali);

   iii) informazzjoni dwar ir-reat li jwassal għall-kundanna (data tar-reat […], l-isem jew il-klassifikazzjoni legali tar-reat kif ukoll bħala referenza għad-dispożizzjonijiet legali applikabbli); u

   iv) informazzjoni dwar il-kontenuti tal-kundanna, (b’mod partikolari s-sentenza kif ukoll kwalunkwe pieni supplimentari, miżuri ta’ sigurtà u deċiżjonijiet sussegwenti li jimmodifikaw l-infurzar tas-sentenza);

b) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa jekk reġistrata fir-rekord kriminali (informazzjoni fakultattiva):

   i) isem il-ġenituri tal-persuna kundannata;

   ii) in-numru ta’ referenza tal-kundanna;

   iii) il-post tar-reat, u

   iv) l-iskwalifiki li jirriżultaw mill-kundanna;

c) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa, jekk disponibbli lill-awtorità ċentrali (informazzjoni addizzjonali):

 i) in-numru tal-identità tal-persuna kundannata […];

 ii) il-marki tas-swaba', li ttieħdu minn dik il-persuna; u

 iii) jekk applikabbli, psewdonimu u/jew isem(ismijiet) xort'oħra.

Barra minn dan, l-awtorità ċentrali tista' tittrasmetti kwalunkwe informazzjoni oħra dwar kundanni jekk reġistrati fir-rekord kriminali.

2. L-awtorità ċentrali tal-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna għandha taħżen l-informazzjoni kollha tat-tipi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, li hija rċeviet konformement mal-Artikolu 5(1) għall-iskop ta' trasmissjoni mill-ġdid konformement mal-Artikolu 7. Għall-istess skop hija tista' taħżen l-informazzjoni tat-tipi elenkati fil-paragrafu (c) tal-ewwel subparagrafu u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. […]

Ladarba tkun skadiet l-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jittramettu tali informazzjoni elettronikament bl-użu ta' format standardizzat.

4. Il-format imsemmi fil-paragrafu 3 u kwalunkwe mezz ieħor ta' organizzazzjoni u faċilitazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni dwar kundanni bejn awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill […]

Tali mezzi oħrajn jinkludu:

a) id-definizzjoni ta' kull mezz li bis-saħħa tiegħu jiġu ffaċilitati l-fehim tal-informazzjoni trasmessa u t-traduzzjoni awtomatika tagħha;

[…]"

*2. Id-Deċiżjoni 2009/316*

14. Il-premessi 2, 6 u 12 tad-Deċiżjoni 2009/316 jipprevedu:

"(2) L-informazzjoni dwar il-kundanni kriminali deċiżi kontra ċittadini ta' Stati Membri minn Stati Membri oħra ma tiċċirkolax b'mod effikaċi fuq il-bażi kurrenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assitenza Reċiproka f'Materji Kriminali tal-20 ta' April 1959. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm proċeduri aktar effiċjenti u aċċessibbli ta' skambju għal tali informazzjoni fil-livell tal-Unjoni […].

[…]

(6) Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI sabiex toħloq u tiżviluppa sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali bejn l-Istati Membri. Tali sistema għandha tkun tista' tikkomunika informazzjoni dwar kundanni kriminali f'forma li tkun faċilment intelliġibbli. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti kemm format standardizzat li jippermetti li l-informazzjoni tkun skambjata b'mod uniformi u elettroniku

u li jippermetti t-traduzzjoni kompjuterizzata tagħha kif ukoll kwalunkwe mezz ieħor li jorganizza u jiffaċilita l-iskambji elettroniċi ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri.

[…]

(12) It-tabelli ta' referenza tal-kategoriji ta' reati u l-kategoriji ta' pieni u miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiffaċilitaw it-traduzzjoni awtomatika u għandhom jippermettu l-għarfien reċiproku tal-informazzjoni trasmessa bl-użu ta' sistema ta' kodiċi. […]"

15. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, li jiddefinixxi l-għan tagħha:

"Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS).

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi wkoll l-elementi ta' format standard għall-iskambju elettroniku, bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta minn fedina penali, b'mod partikolari fir-rigward ta' informazzjoni dwar ir-reat li jkun wassal għall-kundanna u informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna […]"

16. L-Artikolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni, intitolat "Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ECRIS hija sistema deċentralizzata tat-teknoloġija tal-informazzjoni, ibbażata fuq id-databases tar-rekords kriminali f'kull Stat Membru. Hija tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

a) software ta' interkonnessjoni […] li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-databases tar-rekords kriminali tal-Istati Membri;

[…]"

17. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/316, intitolat "Il-format tat-trasmissjoni tal-informazzjoni", jipprevedi:

"1. Meta tiġi trasmessa l-informazzjoni konformement mal-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, relattivament għall-isem jew klassifikazzjoni ġuridika tar-reat u għad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli, l-Istati Membri għandhom jirriferu għall-kodiċi korrispondenti għal kull wieħed mir-reati indikati fit-trasmissjoni, kif previst fit-tabella tar-reati fl-Anness A. […]

L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu informazzjoni disponibbli dwar il-livell ta' kompletezza u l-livell ta' parteċipazzjoni fir-reat u, fejn applikabbli, dwar l-eżistenza ta' eżenzjoni totali jew parzjali mir-responsabbiltà kriminali jew dwar reċidiva.

2. Meta jittrasmettu informazzjoni taħt l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI relattivament għall-kontenut tal-kundanna kriminali, partikolarment is-sentenza kif ukoll kwalunkwe piena supplimentari, kwalunkwe miżura ta' sigurtà u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li jimmodifikaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza, l-Istati Membri għandhom jirriferu għall-kodiċi korrispondenti għal kull waħda mill-pieni u miżuri indikati fit-trasmissjoni, kif previst fit-tabella ta' pieni u miżuri fl-Anness B. […]

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll, fejn applikabbli, informazzjoni disponibbli relatata man-natura u/jew il-kondizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-piena jew miżura imposta kif previst fil-parametri tal-Anness B. […]"

*3. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675*

18. Il-premessi 2, 5 sa 8 u 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jipprovdu:

"(2) Fid-29 ta' Novembru 2000 […], il-Kunsill adotta il-Programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali […], li jipprovdi għall-'adozzjoni ta' strument wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-prinċipju li qorti fi Stat Membru wieħed għandha tkun tista' tieħu konsiderazzjoni ta' sentenzi kriminali finali mogħtija mill-qrati fi Stati Membri oħrajn għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-rekord kriminali tal-ħati u biex jiġi stabbilit jekk dan reġax ikkommetta reat, u sabiex jiġi determinat it-tip ta' sentenza applikabbli u l-arranġamenti għall-infurzar tagħha'.

[…]

(5) Il-prinċipju li l-Istati Membri għandhom jattribwixxu għal kundanna mogħtija fi Stati Membri oħrajn effetti ekwivalenti għal dawk attribwiti għal kundanna mogħtija mill-qrati tagħhom stess skond id-dritt nazzjonali għandu jiġi affermat, kemm jekk dawk l-effetti huma kkunsidrati mid-dritt nazzjonali bħala kwistjonijiet ta' fatt kif ukoll jekk ta' dritt proċedurali jew sostantiv. Madankollu din id-Deċiżjoni Kwadru ma tfittix li tarmonizza l-konsegwenzi attribwiti mil-leġislazzjoni nazzjonali differenti għall-eżistenza ta' kundanni preċedenti u l-obbligu li jittieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti li ngħataw fi Stati Membri oħrajn jeżisti biss sal-punt li l-kundanni nazzjonali preċedenti jittieħdu in konsiderazzjoni taħt id-dritt nazzjonali.

(6) B'kuntrast ma' strumenti oħra, din id-Deċiżjoni Kwadru ma timmirax għall-eżekuzzjoni fi Stat Membru wieħed ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħrajn, iżda pjuttost timmira li tippermetti l-konsegwenzi jiġu marbuta ma' kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru wieħed waqt proċedimenti kriminali ġodda fi Stat Membru ieħor sal-punt li tali konsegwenzi huma marbuta ma' kundanni nazzjonali preċedenti skond id-dritt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Għalhekk din id-Deċiżjoni Kwadru ma fiha l-ebda obbligu li jittieħdu in konsiderazzjoni tali kundanni preċedenti per eżempju f'każijiet fejn l-informazzjoni miksuba taħt strumenti applikabbli mhix suffiċjenti, fejn kundanna nazzjonali ma kinitx tkun possibbli rigward l-att li għalih il-kundanna preċedenti kienet ġiet imposta jew is-sanzjoni imposta preċedentement mhix magħrufa mis-sistema legali nazzjonali.

(7) L-effetti ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu ekwivalenti għall-effetti ta' deċiżjoni nazzjonali fl-istadju ta' qabel il-kawża ta' proċedimenti kriminali, fl-istadju tal-kawża u fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

(8) Meta, waqt proċedimenti kriminali fi Stat Membru, tkun disponibbli informazzjoni dwar kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi evitat kemm jista' jkun li l-persuna kkonċernata tiġi ttrattata b'mod anqas favorevoli milli kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali.

[…]

(13) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta l-varjetà ta' soluzzjonijiet u proċeduri interni meħtieġa biex tittieħed in konsiderazzjoni kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor. L-esklużjoni ta' possibbiltà li tiġi riveduta kundanna preċedenti ma għandhiex timpedixxi lil Stat Membru milli jieħu deċiżjoni, jekk meħtieġ, sabiex jiġu attribwiti l-effetti legali ekwivalenti għal tali kundanna preċedenti. Madankollu, il-proċeduri involuti fil-ħruġ ta' tali deċiżjoni m'għandhomx, bil-ħsieb tal-ħin u tal-proċeduri jew tal-formalitajiet meħtieġa, jirrenduha impossibbli li jiġu attribwiti effetti ekwivalenti ma' sentenza preċedenti mogħtija minn Stat Membru ieħor."

19. L-Artikolu 1(1) ta’ din id-deċiżjoni qafas jipprevedi:

“Il-fini ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru hi li tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom, matul proċedimenti kriminali fi Stat Membru kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, jittieħdu in konsiderazzjoni.”

20. L-Artikolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, bl-isem “Teħid in konsiderazzjoni, matul proċedimenti kriminali ġodda, ta’ kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor”, jipprevedi:

“1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li matul proċedimenti kriminali kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, li fir-rigward tagħhom inkisbet informazzjoni taħt strumenti applikabbli għal għajnuna legali reċiproka jew għall-iskambju ta’ informazzjoni estratta minn rekords kriminali, jittieħdu in konsiderazzjoni sal-livell li jittieħdu in konsiderazzjoni kundanni nazzjonali preċedenti, u li jiġu attribwiti lilhom effetti legali ekwivalenti bħal kundanni nazzjonali preċedenti, bi qbil mad-dritt nazzjonali.

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika fl-istadju ta’ qabel il-kawża, fl-istadju tal-kawża innifisha u fil-ħin ta’ l-eżekuzzjoni tal-kundanna, partikolarment fir-rigward tar-regoli ta’ proċedura applikabbli, inklużi dawk relatati mad-detenzjoni proviżorja, id-definizzjoni tar-reat, it-tip u l-livell tas-sentenza, u r-regoli dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

3. It-teħid in konsiderazzjoni ta’ kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn, kif previst fil-paragrafu 1, m’għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma’ l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda.

4. Skond il-paragrafu 3, il-paragrafu 1 m’għandux japplika sal-punt li, li kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali ta’ l-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda, it-teħid in konsiderazzjoni tal-kundanna preċedenti kien, skond id-dritt nazzjonali ta’ dak l-Istat Membru, ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi l-kundanna preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma’ l-eżekuzzjoni tagħha.

[…].”

### *B. Id-dritt Ungeriż*

#### *1. Il-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali*

21. L-Artikolu 46 tal-a nemzetközi bűnügyi jogsegélyről szóló 1996. évi XXXVIII. törvény (il-Liġi Nru XXXVIII tal-1996 dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, iktar ’il quddiem il-“liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali”) hija redatta kif ġej:

“1. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu jirċievi n-notifikazzjonijiet li jippermettu r-rikonoxximent tal-effettività ta’ sentenza barranija kif ukoll it-talbiet li ġejjin minn barra intiżi għat-trażmissjoni tal-eżekuzzjoni ta’ piena jew ta’ miżura li tneħħi l-libertà, […] u […] jibgħathom lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni […]

[…]

2. Il-proċedura ta' rikonoxximent ta' sentenza kkomunikata mill-awtorità ċentrali, maħtura għal dan l-għan, ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni […] għandha tiġi introdotta sa mhux iktar tard mill-mument meta t-tħassir mir-rekord kriminali msemmi fl-informazzjoni dwar is-sentenza mogħtija mill-Istat Membru ssir legalment effettiva.

3. Ħlief kif previst mod ieħor f'din il-liġi, il-proċedura quddiem il-qorti kompetenti hija rregolata mir-regoli ġenerali tat-Titolu XXIX tal-a büntetőeljárásról szóló 1998 évi XIX. törvény [il-Liġi Nru XIX li tikkostitwixxi l-Kodiċi ta' proċedura kriminali, tal-1998, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-proċedura kriminali tal-1998"], fir-rigward tal-proċeduri speċjali […]"

22. Skont l-Artikolu 47 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali li tagħmel parti mit-Titolu IV tal-Kapitolu 1 ta' din il-liġi, intitolat "Rikonoxximent tal-effettività ta' sentenza barranija":

"1. Sentenza ta' qorti barranija b'awtorità ta' *res judicata* għandha l-istess effetti bħal sentenza mogħtija minn qorti Ungeriża jekk il-proċedura li tagħha l-awtur tar-reat kien is-suġġett barra mill-pajjiż kif ukoll il-piena imposta jew il-miżura applikata ma humiex kuntrarji għall-ordni ġuridiku Ungeriż.

[…]

3. Jekk il-qorti Ungeriża rrikonoxxiet l-effettività tas-sentenza barranija, ir-reat għandu jitqies daqs li kieku kien is-suġġett ta' deċiżjoni tal-qorti Ungeriża b'awtorità ta' *res judicata*.

[…]."

23. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 48 ta' din il-liġi jipprevedi:

"1. Meta tagħti d-deċiżjoni tagħha, il-qorti Ungeriża hija marbuta bil-fatti hekk kif ġew ikkonstatati mill-qorti barranija.

2. Matul il-proċeduri li jiżvolġu quddiemha, il-qorti Ungeriża għandha tikkonstata liema huma l-konsegwenzi ġuridiċi li l-liġi Ungeriża torbot mal-kundanna. Jekk il-piena jew il-miżura imposta mis-sentenza tal-qorti barranija ma tkunx kompletament kompatibbli mal-liġi Ungeriża, il-qorti Ungeriża għandha tikkonstata fid-deċiżjoni tagħha liema hija l-piena jew il-miżura applikabbli skont il-liġi Ungeriża, filwaqt li tiżgura li din tikkorrispondi mill-iktar viċin possibbli għall-piena jew għall-miżura li imponiet il-qorti barranija u – fil-każ ta' domanda dwar l-eżekuzzjoni – konsegwentement tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni tal-piena jew tal-miżura.

3. Fil-konstatazzjoni tal-piena jew tal-miżura applikabbli, irid isir riferiment għal-liġi applikabbli fil-mument li fih twettaq ir-reat. Jekk mil-liġi Ungeriża applikabbli fil-mument tal-konstatazzjoni tal-piena jew tal-miżura applikabbli jirriżulta li l-att inkwistjoni ma għadux reat kriminali jew li dan għandu jiġi kkastigat b'mod inqas sever, hija din il-liġi l-ġdida li għandha tiġi applikata.

4. Jekk, fil-każ ta' diversi ċirkustanzi ta' ksur, il-qorti barranija tiddeċiedi fis-sentenza tagħha piena kumulattiva u wieħed mill-ksur inklużi fid-deċiżjoni msemmija ma huwiex ksur jew ma jistax jiġi rikonoxxut b'mod ieħor fl-Ungerija, il-qorti Ungeriża għandha tiddeċiedi dwar il-piena fid-deċiżjoni tagħha skont ir-regoli tal-büntető törvénykönyv [Kodiċi kriminali [10]] dwar id-determinazzjoni tal-pieni irrispettivament minn dan il-ksur filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatti oħra li servew ta' bażi għas-sentenza.

10 Iktar 'il quddiem il-"Kodiċi kriminali".

5. Jekk il-piena ta' ħabs imposta mis-sentenza barranija ma hijiex kompatibbli mal-liġi Ungeriża rigward il-forma ta' eżekuzzjoni tagħha jew tat-tul tagħha, il-qorti Ungeriża għandha tiddeċiedi l-piena u t-tul tagħha skont il-liġi Ungeriża, inklużi r-regoli li jirregolaw il-forma ta' eżekuzzjoni tal-piena u l-ammissjoni għal-libertà kondizzjonali, filwaqt li jiġu kkunsidrati pieni previsti mill-Kodiċi kriminali għar-reat li jirriżulta mill-fatti abbażi tas-sentenza u billi jiġu kkunsidrati regoli dwar id-determinazzjoni tal-pieni. Jekk it-tul tal-piena ta' ħabs imposta mis-sentenza barranija hija iqsar minn dik li kieku kienet tiġi imposta skont il-liġi Ungeriża, fid-dawl ukoll tar-regoli tal-Kodiċi kriminali fil-qasam ta' mitigazzjoni ta' pieni, it-tul tal-piena ta' ħabs deċiża mill-qorti Ungeriża huwa ugwali għat-tul tal-piena deċiża mill-qorti barranija. Il-piena determinata mill-qorti Ungeriża ma tistax tkun itwal minn dik il-piena mogħtija mill-qorti barranija.

6. Jekk il-qorti barranija imponiet piena ta' ħabs li minnha ordnat biss l-eżekuzzjoni ta' parti determinata tat-tul tagħha u ssospendiet l-eżekuzzjoni tal-imsemmija piena għall-kumplament, il-qorti Ungeriża għandha tirrikonoxxi l-imsemmija piena ta' ħabs bħallikieku l-kundannat ingħata l-libertà kondizzjonali. F'dan il-każ, ma hemmx lok, waqt id-determinazzjoni tal-mument tal-ammissjoni għal-libertà kondizzjonali, li jiġi applikat l-Artikolu 38(2) tal-Kodiċi kriminali, u lanqas li jiġi applikat l-Artikolu 39(1) ta' dan il-kodiċi jekk it-tul tal-libertà kondizzjonali skont din id-dispożizzjoni jaqbeż lil dik tas-sospensjoni mogħtija fis-sentenza tal-qorti barranija. F'dan il-każ, it-tul tal-libertà kondizzjonali huwa daqs dak tas-sospensjoni mogħtija fis-sentenza tal-qorti barranija u l-piena għandha titqies bħala skontata fid-data tal-aħħar ġurnata tal-libertà kondizzjonali hekk stabbilita.

7. Il-qorti Ungeriża għandha tipprovdi tagħrif lis-servizzi tar-rekords kriminali dwar ir-rikonoxximent tal-effettività ta' sentenza barranija.

[…]".

*2. Il-Liġi dwar il-proċedura kriminali tal-1998*

24. Skont id-dritt Ungeriż dwar il-proċedura kriminali, il-proċeduri msejħa "speċjali" jintużaw sabiex jiġu deċiżi, wara deċiżjoni finali li biha ġew deċiżi l-kwistjonijiet prinċipali tal-liġi kriminali, kwistjonijiet ta' liġi kriminali ta' natura inċidentali marbutin mill-qrib mal-kwistjoni prinċipali, jiġifieri li jkunu proċeduri ssimplifikati.

*3. L-a bűnügyi nyilvántartási rendszerről, az Európai Unió tagállamainak bíróságai által magyar állampolgárokkal szemben hozott ítéletek nyilvántartásáról, valamint a bűnügyi és rendészeti biometrikus adatok nyilvántartásáról szóló 2009. évi XLVII. törvén*

25. It-Titolu III tal-a bűnügyi nyilvántartási rendszerről, az Európai Unió tagállamainak bíróságai által magyar állampolgárokkal szemben hozott ítéletek nyilvántartásáról, valamint a bűnügyi és rendészeti biometrikus adatok nyilvántartásáról szóló 2009. évi XLVII. törvény (il-Liġi Nru XLVII tal-2009, dwar ir-rekords kriminali, dwar ir-reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kontra ċittadini Ungeriżi u dwar il-fajl bijometriku kriminali u tal-pulizija) huwa intitolat "Reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kontra ċittadini Ungeriżi".

26. L-Artikolu 31 ta' din il-liġi jipprevedi:

"Il-ġestjoni ta' informazzjoni inkluża fir-reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni [...] kontra ċittadini Ungeriżi (iktar 'il quddiem "ir-reġistru ta' sentenzi mogħtija fl-Istati Membri") għandha bħala għan, f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni inkluża fis-sentenzi mogħtija fl-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni [...] li għandhom l-awtorità ta' *res judicata* u jistabbilixxu l-ħtija ta' ċittadini Ungeriżi (iktar 'il quddiem 'is-sentenzi mogħtija fl-Istati Membri'):

a) il-faċilitazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni msemmija bejn l-Istati Membri, fil-kuntest tal-kooperazzjoni ta' Stati Membri f'materji kriminali,

b) it-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija informazzjoni tal-persuni misjuba ħatja, fil-kuntest ta' proċedura kriminali bbażata fuq suspett ibbażat fuq twettiq ta' reat ieħor."

27. Skont l-Artikolu 32 tal-imsemmija liġi:

"Hija inkluża fir-reġistru tas-sentenzi mogħtija fl-Istati Membri l-informazzjoni dwar ċittadini Ungeriżi li l-ħtija tagħhom ġiet stabbilita mid-deċiżjonijiet b'awtorità ta' *res judicata* magħmula fi Stati Membri oħra tal-Unjoni [...]."

28. Skont l-Artikolu 33 tal-istess liġi:

"1. Ir-reġistru ta' sentenzi mogħtija fl-Istati Membri jinkludi d-data li ġejja li tinsab fis-sentenzi mogħtija fi Stati Membri oħra u kkomunikati mill-awtoritajiet ċentrali magħżula għal kull waħda minnhom:

a) l-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata,

b) id-data tas-sentenza, id-data li fiha din akkwistat l-awtorità ta' *res judicata* u l-isem tal-qorti li ddeċidietha,

c) l-isem tar-reat li wassal għas-sentenza, il-klassifikazzjoni tiegħu fid-dritt u d-data li fih twettaq,

d) l-informazzjoni dwar il-pieni u l-miżuri, kif ukoll l-eżekuzzjoni tagħhom.

[...]."

## II. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

29. D. B. Lada, ċittadin Ungeriż, kien is-suġġett ta' kundanna kriminali fit-8 ta' Jannar 2016 mil-Landesgericht Wiener Neustadt (qorti reġjonali ta' Wiener Neustadt, l-Awstrija) b'piena ta' ħabs ta' erbatax–il xahar fuq akkuża ta' tentattiv ta' serq bi żgass fuq oġġetti ta' valur għoli. Din il-qorti ddeċidiet li hu għandu jiskonta ħdax–il xahar ta' din il-piena u ssospendiet l-eżekuzzjoni ta' tliet xhur ta' priġunerija.

30. Il-qorti msemmija tat is-sentenza tagħha waqt seduta pubblika prinċipali, li fiha l-akkużat, li kien taħt detenzjoni provviżorja, deher personalment. Dan kien assistit minn avukat difensur u seta' jesprimi ruħu fil-lingwa materna tiegħu bl-għajnuna ta' interpretu.

31. Fuq talba tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) bagħtitlu s-sentenza tagħha mogħtija fil-kawża u sommarju tad-data meħtieġa.

32. Dan il-Ministeru bagħat id-dokumenti, miktubin bil-Ġermaniz, lis-Szombathelyi Törvényszék (il-Qorti ta' Szombathely, l-Ungerija), il-qorti tar-rinviju, li hija kompetenti *ratione materiae* u territorjalment biex timplementa, skont l-Artikolu 46 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, il-proċedura ta' "rikonoxximent tal-effettività ta' sentenza barranija" prevista mill-istess liġi.

33. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-bidu ta' din il-proċedura, għandu jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk id-drittijiet fundamentali u d-dispożizzjonijiet fundamentali tal-Liġi dwar il-proċedura kriminali tal-1998 ġewx irrispettati fil-kuntest tal-proċeduri fil-qorti barranija.

34. Fuq din il-bażi, din il-qorti eżaminat id-dokumenti mibgħuta u ttraduċiethom fil-lingwa Ungeriża. Matul il-proċedura, din ħatret avukat difensur biex jassisti lil D. B. Lada u ddikjarat li l-kundanna tiegħu mil-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) ma kinitx tinstab fir-reġistru kriminali Ungeriż, iżda kienet tidher fl-ECRIS. Din ikkonstat ukoll li l-piena ta' priġunerija kienet qed tiġi eżegwita.

35. Din il-qorti tispjega li hemm lok, sabiex jiġu rrikonoxxuti l-effetti fl-Ungerija ta' sentenza mogħtija mil-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) kontra D. B. Lada, li tittieħed inkunsiderazzjoni proċedura speċjali, li tikkonsisti fi proċedura kriminali ġdida. F'dan il-kuntest, ir-reat imwettaq mill-persuna akkużata għandu jiġi evalwat, filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi li ttieħdu inkunsiderazzjoni fis-sentenza barranija, fid-dawl tal-Kodiċi kriminali fis-seħħ fil-mument tal-fatti jew tal-evalwazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

36. Fir-rigward ta' din il-proċedura ta' rikonoxximent, il-qorti tar-rinviju tispjega li huwa l-Kodiċi kriminali stabbilit bil-2012. évi C. törvény (il-Liġi Nru C tal-2012) li huwa applikabbli kemm fil-mument tal-fatti kif ukoll fil-mument tal-evalwazzjoni tagħhom, jiġifieri tar-rikonoxximent tal-effetti tas-sentenza barranija, u li, skont dan il-kodiċi, ir-reati mwettqa u ġġudikati barra mill-pajjiż għandhom, matul il-proċedura ta' rikonoxximent, jiġu kkwalifikati mill-ġdid skont id-dritt Ungeriż.

37. Il-qorti tar-rinviju żżid li, f'dak li jikkonċerna r-reati kriminali msemmija, id-dispożizzjonijiet ta' sentenza barranija għandhom, b'mod partikolari, jiġu rriformulati skont il-Kodiċi kriminali fis-seħħ, f'każ li jista' jkun hemm piena ta' kategorija jew ta' livell differenti.

38. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, fil-prattika, il-proċedura ta' rikonoxximent tal-effettività ta' sentenzi barranin fl-Ungerija skont l-Artikoli 46 sa 48 tal-liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali għandha tinvolvi evalwazzjoni u kwalifikazzjoni ġodda, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, tal-fatti diġà deċiżi fid-deċiżjoni tal-qorti kriminali barranija u tal-applikazzjoni (jew id-determinazzjoni) ta' sanzjonijiet Ungeriżi. B'hekk, il-qorti kkonċernata tipproċedi, biex ngħidu hekk, għal trasformazzjoni jew kwalifikazzjoni mill-ġdid tas-sentenza barranija skont id-dritt Ungeriż, u tapplika sanzjoni ġdida jew, jekk ikun il-każ, miżura ġdida. Skont l-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, il-qorti Ungeriża tista' għalhekk, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istess fatti, tiddikjara lill-persuna akkużata b'reati differenti minn dawk ikkonstatati wara l-proċedura barranija u timponi fuqha piena jew miżura differenti minn dik li ġiet deċiża wara din il-proċedura.

39. Il-qorti tar-rinviju tosserva li din il-proċedura speċjali tqajjem xi mistoqsijiet, sa fejn id-dritt Ungeriż jidher li jinjora l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit mid-dritt primarju tal-Unjoni. Kif juri l-Artikolu 47(3) tal-liġi dwar għajnuna legali internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, li, infakkru, jipprevedi li "[j]ekk il-qorti Ungeriża rrikonoxxiet l-effettività ta' sentenza barranija, ir-reat għandu jitqies daqs li kieku kien is-suġġett ta' deċiżjoni tal-qorti Ungeriża b'awtorità ta' *res judicata*". B'hekk, mil-liġi Ungeriża jidher li jirriżulta li s-sentenza mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor ma tistax tinvolvi kontra l-persuna kkonċernata kundanna u l-applikabbiltà ta' effetti oħra ta' din

is-sentenza fl-Ungerija ħlief jekk il-qorti Ungeriża tkun irrikonoxxiet l-effetti tal-imsemmija sentenza fit-territorju Ungeriż fil-kuntest tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent. Fi kliem ieħor, mid-dritt Ungeriż jirriżulta li s-sentenza barranija ma tistax tiġi kkunsidrata fl-Ungerija qabel tkun ġiet rikonoxxuta minn qorti Ungeriża fil-kuntest ta' din il-proċedura speċjali.

40. Il-qorti tar-rinviju tosserva wkoll li l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ma tikkonsistix f'sempliċi riproduzzjoni awtomatika tas-sentenza barranija. Fil-fatt, fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-qorti Ungeriża kompetenti tista' tistabbilixxi piena ta' kategorija u ta' livell differenti minn dawk użati mill-qorti barranija, u anki tista' tirrikonoxxi s-sentenza billi tikkunsidra l-fatti bħala li jikkostitwixxu reat punibbli b'piena iktar severa. Huwa għalhekk b'deċiżjoni ġdida li din tirrikonoxxi l-effetti ta' sentenza barranija. Skont il-qorti tar-rinviju, din is-sitwazzjoni tikkostitwixxi riproduzzjoni imperfetta fl-Ungerija ta' sentenza barranija jew timplika sentenza oħra mogħtija fi Stat Membru ieħor rigward l-istess persuna u l-istess fatti għaliex hemm lok, fil-kuntest tal-proċedura speċjali, li l-persuna tiġi ddikjarata ħatja ta' reati ġodda skont id-dritt Ungeriż, u l-kundanna relatata għandha tkun inkluża fir-rekord kriminali Ungeriż. Dan iqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent mal-prinċipju *ne bis in idem*, li tista' tiġi solvuta b'interpretazzjoni tal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Unjoni Ekonomika Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża, dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[11] u tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[12].

41. Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali li tipprevedi l-proċedura ta' rikonoxximent ta' sentenzi barranin għandhom bħala għan li l-kundanni li jirriżultaw minn sentenzi bħal dawn jistgħu jitpoġġew fir-rekord kriminali Ungeriż, fil-każ li l-qorti Ungeriża tkun irrikonoxxiet l-effetti ta' dawn is-sentenzi. Is-sentenzi rrikonoxxuti jistgħu għalhekk, jekk ikun il-każ, fil-futur jiġġustifikaw li jikkunsidraw lill-persuni misjuba ħatja bħala reċidivi, jew saħansitra multireċidivi.

42. Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li l-implementazzjoni tal-liġi Ungeriża toħloq sitwazzjoni li fiha r-rekord kriminali Ungeriż juri, kif titlesta l-proċedura ta' rikonoxximent, f'dak li jikkonċerna l-persuna kkundannata, reati u piena rrikonoxxuti mid-dritt Ungeriż filwaqt li l-ECRIS tkompli tinkludi d-data li tinsab fis-sentenza barranija.

43. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tispjega li din ma hijiex kwistjoni konkretament marbuta mal-eżekuzzjoni fl-Ungerija ta' sanzjonijiet imposti f'sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u li, f'sitwazzjoni bħal din, il-proċedura li għandha tiġi segwita hija bbażata fuq leġiżlazzjoni oħra, jiġifieri l-az Európai Unió tagállamaival folytatott bűnügyi együttműködésről szóló 2012. évi CLXXX. törvény (il-Liġi Nru CLXXX tal-2012 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet kriminali)[13].

44. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk tali proċedura ta' rikonoxximent hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali kif ukoll tal-prinċipju *ne bis in idem*, kif inhuma previsti mid-dritt primarju tal-Unjoni.

11 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9.

12 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

13 Minkejja dan, il-Gvern Ungeriż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu jispjega li hija l-istess proċedura speċjali ta' rikonoxximent li għandha tiġi applikata f'każ ta' talba għall-eżekuzzjoni fl-Ungerija ta' kundanna deċiża minn qorti ta' Stat Membru ieħor.

45. Fid-dawl tal-mistoqsijiet magħmula mill-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, ġie deċiż, fit-13 ta' Settembru 2016, li l-qorti tar-rinviju tiġi nnotifikata bis-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[14], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d Deċiżjoni 2009/316 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar proċedura speċjali nazzjonali ta' rikonoxximent mill-qorti ta' Stat Membru ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna persuna għat-twettiq ta' reat.

46. Permezz ta ittra li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Ottubru 2016, is-Szombathelyi Törvényszék (il-Qorti ta' Szombathely) iddeċidiet li żżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, filwaqt li ppreċiżat li l-fatti li wasslu għas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[15], iċċitata iktar 'il fuq, kienu jirrigwardaw biss l-ispejjeż ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tuża l-lingwa materna tagħha matul il-proċedura ta' rikonoxximent Ungeriża.

47. Barra minn hekk, din il-qorti tirrileva li din is-sentenza ma rriżultatx fi prattika uniformi mill-qrati Ungeriżi. B'hekk, ċerti qrati, fid-dawl tal-karatteristiċi tad-deċiżjoni qafas fid-dritt tal-Unjoni, komplew jimplementaw proċeduri speċjali filwaqt li stennew emenda tal-leġiżlazzjoni Ungeriża. Oħrajn ikklassifikaw il-kawżi sospiżi jew qegħdin jistennew li tiġi żviluppata prattika ġudizzjarja uniformi. Il-qorti tar-rinviju tosserva li jekk ikun hemm konstatazzjoni ta' inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Ungeriża mad-dritt primarju tal-Unjoni, il-qrati Ungeriżi aditi jistgħu jinjoraw awtomatikament din il-leġiżlazzjoni u l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali jista' jiġi invokat fit-totalità tiegħu.

48. Barra minn hekk, l-analiżi tal-kompatibbiltà tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku titlob, skont il-qorti tar-rinviju, evalwazzjoni ta' kwistjonijiet ħafna iktar wiesgħa minn dawk diskussi fis-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[16]. F'din il-kawża, hemm bżonn, konkretament, li jiġi eżaminat il-punt dwar jekk qorti nazzjonali tistax tieħu miżuri li, meta mqabbla ma' dawk deċiżi mill-qorti li tat is-sentenza barranija, għandhom bħala konsegwenza li jemendaw b'xi mod jew ieħor din is-sentenza.

49. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent prevista mil-leġiżlazzjoni Ungeriża għadha ma ġietx eżaminata f'termini tal-prinċipju *ne bis in idem*. Għalhekk, din il-proċedura għandha tiġi eżaminata mill-perspettiva ta' dan il-prinċipju kif ukoll tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku peress li l-qorti Ungeriża kompetenti tikkwalifika, matul il-proċedura msemmija, ir-reati li diġà ġew deċiżi barra mill-pajjiż skont il-liġi Ungeriża fis-seħħ u tista' tapplika pieni u miżuri differenti oħra ta' sanzjonijiet imposti bis-sentenza barranija. B'hekk, jista' jiġri li xi reati kompletament differenti jiġu kkonstatati għall-istess fatti fis-sentenza barranija u fid-deċiżjoni Ungeriża. L-istess jgħodd għall-pieni, iżda dawk deċiżi fl-Ungerija ma jistgħux ikunu iktar severi minn dawk deċiżi barra mill-pajjiż.

50. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra wkoll li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 hija rilevanti għal din il-proċedura, ladarba l-kundanna barranija ta' D. B. Lada ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fl-okkażjoni ta' proċedura kriminali sussegwenti mingħajr l-applikazzjoni preliminari tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent.

51. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Szombathelyi Törvényszék (il-Qorti ta' Szombathely) iddeċidiet li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 67 TFUE u 82 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu, f'dak li jikkonċerna persuna misjuba ħatja li l-kawża tagħha tkun ġiet finalment deċiża b'sentenza li hija *res judicata* mogħtija minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni, l-implementazzjoni ta' proċeduri

14 C-25/15, EU:C:2016:423.

15 C-25/15, EU:C:2016:423.

16 C-25/15, EU:C:2016:423.

kriminali jew proċeduri oħra bbażati fuq leġiżlazzjoni nazzjonali u intiżi sabiex 'jirrikonoxxu' jew jittrasformaw l-effetti tas-sentenza barranija fil-livell nazzjonali, u permezz tal-effett tagħha l-imsemmija sentenza barranija għandha titqies bħala mogħtija minn qorti nazzjonali?

2) Proċeduri bbażati fuq l-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi [dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali] introdott[a] 'sabiex jirrikonoxxu l-effikaċja" fl-Ungerija ta' sentenzi barranin fi tmiem proċeduri kriminali kkompletati u finalment konklużi fi Stat Membru tal-Unjoni – jiġifieri fi Stat Membru ieħor, iżda dwar l-istess persuna u l-istess reat – u intiżi, fir-realtà, mhux sabiex jiġu eżegwiti l-imsemmija sentenzi iżda sabiex jistabbilixxu l-motivi tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn tal-aħħar fil-proċeduri kriminali li għad iridu jsiru, huma – fid-dawl tad-Deċiżjoni Kwadru […] 2008/675 […] kompatibbli mal-prinċipju '*ne bis in idem*', sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta […] u fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen?"

## III. L-analiżi tiegħi

52. Miż-żewġ domandi preliminari tagħha, li għandhom, fl-opinjoni tagħna, jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' sentenzi barranin prevista mid-dritt Ungeriż hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar partikolari, mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, skont l-Artikoli 67 u 82 TFUE, mad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u mal-prinċipju *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta u fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

53. Dawn id-domandi saru mill-qorti nazzjonali li għandha kompetenza, fis-sistema legali Ungeriża, li timplementa l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' kundanna mogħtija mil-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) kontra D. B. Lada, kif din il-proċedura hija prevista fl-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali.

54. Għandu jiġi ppreċiżat li din il-proċedura ta' rikonoxximent tas-sentenza barranija ma hijiex, f'dan il-każ, implementata la sabiex tiġi eżegwita fl-Ungerija l-piena mogħtija f'din is-sentenza u lanqas biex tittieħed inkunsiderazzjoni l-imsemmija sentenza fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida li D. B. Lada kien diġà s-suġġett tagħha fl-Ungerija.

55. L-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali jistabbilixxu proċedura speċjali ta' rikonoxximent minn qabel, mill-qrati Ungeriżi kompetenti, tal-kundanni definittivi mogħtija mill-qrati barranin, li għandhom bħala għan li jagħtu lid-deċiżjoni li biha dawn il-kundanni huma rrikonoxxuti l-effett ta' kundanna deċiża minn qorti Ungeriża.

56. Skont id-deskrizzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju, din il-proċedura tinvolvi eżami mill-ġdid tal-kundanna barranija kkonċernata li tista' twassal għal kwalifikazzjoni mill-ġdid tar-reat kriminali li wassal għal din il-kundanna kif ukoll adattament tal-piena mogħtija jekk dawn l-elementi ma humiex kompatibbli mal-leġiżlazzjoni kriminali Ungeriża.

57. Fil-kuntest tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' kundanna deċiża minn qorti ta' Stat Membru ieħor, il-persuna li kienet is-suġġett ta' sentenza kriminali definittiva ma hijiex suġġetta għal proċeduri kriminali ġodda li jistgħu jwasslu għat-tieni kundanna għall-istess reat. Din il-proċedura, li biha l-qorti Ungeriża kompetenti ma twassalx għal evalwazzjoni ġdida tal-fatti jew tal-grad ta' responsabbiltà kriminali tal-persuna kkonċernata, tixbah proċedura ta' *exequatur* u għandha pjuttost bħala għan li taġġusta l-konsegwenza ġudizzjarja stabbilita fis-sentenza barranija sabiex tkun konformi mal-leġiżlazzjoni kriminali Ungeriża. Għalhekk, il-prinċipju *ne bis in idem*, li għandu bħala għan li jevita, fil-qasam ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, li persuna kkundannata b'mod definittiv ma tkunx, minħabba l-fatt li tuża d-dritt għall-moviment liberu tagħha, ipproċessata

għall-istess fatti fit-territorju ta’ diversi Stati Membri[17], ma jidhirlix li huwa rilevanti fil-kuntest ta’ din il-kawża.

58. Kif semmejt qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tiddikjara, fis-sentenza tagħha tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh[18], li d-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-implementazzjoni tal-proċedura speċjali ta’ rikonoxximent Ungeriża. B’mod iktar speċifiku, din iddeċidiet li, konformement ma’ dawn tal-aħħar, ir-reġistrazzjoni fir-rekord kriminali mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-kundanni deċiżi mill-qrati tal-Istat Membru li jikkundanna għandha ssir direttament abbażi tat-trażmissjoni mill-awtorità ċentrali ta’ dan l-aħħar Stat Membru, permezz tal-ECRIS, tal-informazzjoni dwar dawn il-kundanni taħt il-forma ta’ kodiċijiet[19]. F’dawn iċ-ċirkustanzi, din ir-reġistrazzjoni ma tistax tiddependi mill-implementazzjoni preliminari ta’ proċedura ta’ rikonoxximent ġudizzjarju tal-imsemmija kundanni, bħall-proċedura speċjali Ungeriża, u lanqas *a fortiori* mill-komunikazzjoni lill-Istat Membru tan-nazzjonalità tas-sentenza ta’ kundanna għall-finijiet ta’ tali rikonoxximent[20].

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, fis-sentenza tagħha tal-21 ta’ Settembru 2017, Beshkov[21], fir-rigward tal-proċedura speċjali ta’ rikonoxximent Bulgaru. B’hekk din iddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi li fi Stat Membru t-teħid inkunsiderazzjoni ta’ deċiżjoni ta’ kundanna mogħtija preċedentament minn qorti ta’ Stat Membru ieħor tkun suġġetta għall-implementazzjoni ta’ proċedura nazzjonali ta’ rikonoxximent minn qabel ta’ din id-deċiżjoni mill-qrati kompetenti minn dan l-ewwel Stat Membru.

60. F’dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali proċeduri nazzjonali ta’ rikonoxximent ta’ sentenzi barranin jiksru l-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali previst fl-Artikolu 82(1) TFUE, li ssostitwixxa l-Artikolu 31 UE li fuqu huma bbażati d-Deċiżjoni Qafas 2009/315, id-Deċiżjoni 2009/316 u d-Deċiżjoni Qafas 2008/675[22]. B’mod partikolari, dan il-prinċipju jipprekludi li d-deċiżjonijiet ta’ kundanna magħmula fi Stati Membri oħra jkunu, bis-saħħa ta’ proċedura nazzjonali ta’ rikonoxximent, is-suġġett ta’ reviżjoni[23].

61. Fid-dawl tal-pożizzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja f’dawn iż-żewġ sentenzi, huwa leġittimu li jsiru mistoqsijiet dwar ir-raġunijiet li jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi għal darba oħra dwar il-konformità mad-dritt kriminali tal-Unjoni ta’ dan it-tip ta’ proċeduri nazzjonali ta’ rikonoxximent ta’ sentenzi barranin minkejja li din il-kwistjoni tista’ titqies li ġiet deċiża definittivament u kompletament fis-sentenzi msemmija. Dawn ir-raġunijiet, fl-opinjoni tiegħi, huma tlieta.

62. Fl-ewwel lok, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Gvern Ungeriż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu jidhru li jpoġġu indiskussjoni mill-ġdid il-motiv li fuqu l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ir-raġunament tagħha fis-sentenza tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh[24], jiġifieri dak li jipprevedi li l-proċedura speċjali ta’ rikonoxximent Ungeriża tikkostitwixxi prerekwiżit għar-reġistrazzjoni fir-rekord kriminali Ungeriż tal-kundanni mogħtija minn qrati ta’ Stati Membri oħra fir-rigward taċ-ċittadini Ungeriżi. Huwa billi telqet minn din il-premessa li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u

17 Ara s-sentenza tad-29 ta’ Ġunju 2016, Kossowski (C-486/14, EU:C:2016:483, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 C-25/15, EU:C:2016:423.

19 Sentenza tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 48).

20 Sentenza tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 49).

21 C-171/16, EU:C:2017:710.

22 Sentenzi tad-9 ta’ Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 54), u tal-21 ta’ Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:710, punt 36).

23 Sentenza tal-21 ta’ Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:710, punt 36).

24 C-25/15, EU:C:2016:423.

d-Deċiżjoni 2009/316, żewġ liġijiet intiżi biex jiffaċilitaw ċirkulazzjoni rapida ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali bejn l-Istati Membri u li għalhekk jipprekludu proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent li t-teħid inkunsiderazzjoni preliminari tagħha huwa kundizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni fir-rekord kriminali Ungeriż.

63. Fil-fatt, il-Gvern Ungeriż jispjega, essenzjalment, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li, skont il-Liġi Nru XLVII tal-2009 dwar ir-rekords kriminali, fir-reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kontra ċittadini Ungeriżi u fil-fajl bijometriku kriminali u tal-pulizija, sentenza mogħtija fi Stat Membru hija, jekk l-awtorità ta' dan l-Istat Membru kkomunikatha fil-forma adattata u b'kontenut adegwat għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħha, tiġi rreġistrata mingħajr ebda proċedura speċjali fir-reġistru tas-sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri kontra ċittadini Ungeriżi, peress li dan ir-reġistru huwa amministrat mis-servizz tar-rekords kriminali. Skont din id-deskrizzjoni, il-Gvern Ungeriż jikkunsidra li l-leġiżlazzjoni Ungeriża hija, essenzjalment, konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315. Minn dawn l-ispjegazzjonijiet jirriżulta li l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' dawn is-sentenzi titwettaq b'mod indipendenti minn din ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati ta' Stati Membri oħra.

64. Għalhekk, il-punti fid-deċiżjoni tar-rinviju pjuttost jivvalidaw il-premessa li tgħid li l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent issir minn qabel u bil-għan tar-reġistrazzjoni fir-rekords kriminali Ungeriżi ta' kundanni barranin mogħtija kontra ċittadini Ungeriżi.

65. F'dan ir-rigward, nirreferi għall-Artikolu 48(7) tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, iċċitat mill-qorti tar-rinviju, li jipprevedi li "[i]l-qorti Ungeriża tipprovdi tagħrif lis-servizzi tar-rekords kriminali dwar ir-rikonoxximent tal-effettività ta' sentenza barranija". Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li r-reati l-ġodda kif jirriżultaw mid-dritt Ungeriż – jiġifieri wara kwalifikazzjoni mill-ġdid fil-kuntest tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent – għandhom jiġu indikati fir-rekords kriminali nazzjonali [25]. Barra minn hekk, din l-istess qorti kkonstatat, matul il-proċedura, li l-kundanna mogħtija mill-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) kontra D. B. Lada ma kinitx tinsab fir-rekords kriminali Ungeriżi, iżda kienet inkluża fl-ECRIS. Finalment, l-imsemmija qorti tispjega li d-dispożizzjonijiet li jidhru fit-Titolu IV tal-Kapitolu 1 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali għandhom bħala għan li l-kundanna barranija tista' tiġi inkluża fir-rekords kriminali Ungeriżi, f'każ li l-qorti Ungeriża tkun irrikonoxxiet l-effetti tagħha [26]. Minn dawn il-punti niddeduċi li r-reġistrazzjoni ta' sentenza barranija fir-rekords kriminali Ungeriżi ssir wara r-rikonoxximent ta' din is-sentenza skont il-proċedura speċjali.

66. Barra minn hekk, kif irrilevat il-qorti tar-rinviju, fil-kuntest tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent, il-qorti Ungeriża kompetenti, filwaqt li tikkunsidra l-istess fatti, tista', skont id-dritt Ungeriż, tiddikjara l-persuna li kienet is-suġġett ta' kundanna barranija ħatja ta' reati differenti minn dawk ikkonstatati fi tmiem proċedura kriminali barranija u timponi fuqha piena jew miżura differenti minn dik stabbilita fi tmiem din il-proċedura [27]. Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan ir-rigward, li l-implementazzjoni tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent toħloq sitwazzjoni li fiha r-rekords kriminali Ungeriżi juru, wara din il-proċedura, f'dak li jikkonċerna l-persuna akkużata, reati u pieni rrikonoxxuti mid-dritt Ungeriż filwaqt li l-ECRIS tkompli tinkludi d-data li tinstab fis-sentenza barranija [28].

67. Tali diverġenza bejn l-informazzjoni li tidher fl-ECRIS u dik imsemmija fir-rekords kriminali Ungeriżi hija kuntrarja għas-sistema ta' skambju u ta' konservazzjoni ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali li ġiet stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u mid-Deċiżjoni 2009/316.

25 Ara d-deċiżjoni tar-rinviju, punt 28.
26 Ara d-deċiżjoni tar-rinviju, punt 30.
27 Ara d-deċiżjoni tar-rinviju, punt 32.
28 Ara d-deċiżjoni tar-rinviju, punt 33.

68. Il-kwistjoni dwar jekk il-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' kundanni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor hijiex implementata tajjeb għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' dawn il-kundanni fir-rekords kriminali Ungeriżi hija, f'kull każ, kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[29].

69. Barra minn hekk, fir-rigward tal-prattika li tidher li hi dik tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li titlob li s-sentenza barranija tkun trażmessa lilu qabel ir-reġistrazzjoni fir-rekords kriminali Ungeriżi tal-kundanna li tinsab fih, għandu jitfakkar li din il-prattika hija kuntrarja għas-sistema żviluppata mid-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jimplementaw sistema rapida u effettiva ta' skambji ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali mogħtija fi Stati Membri differenti[30]. Din l-informazzjoni hija b'hekk trażmessa bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri permezz tal-ECRIS, taħt il-forma ta' kodiċi li jikkorrispondu għal kull reat u sanzjoni li huma s-suġġett tat-trażmissjoni[31]. Għalhekk, it-trażmissjoni lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru ta' nazzjonalità tad-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor issir biss jekk ikun hemm ċirkustanzi partikolari li jirrikjedu dan, u ma tistax tintalab b'mod sistematiku għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-kundanna msemmija fir-rekords kriminali tal-ewwel Stat Membru[32]. F'dan ir-rigward nirrileva li l-ebda ċirkustanza partikolari li tista' tiġġustifika t-trażmissjoni tas-sentenza ta' Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) lill-Ministeru tal-Ġustizzja ma ġiet ippreżentata mill-gvern Ungeriż fil-kuntest ta' din il-proċedura.

70. Għalhekk, fid-dawl tal-elementi preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma r-raġunament li hija użat fil-punti 28 sa 35, kif ukoll fil-punti 41 sa 55 tas-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[33]. F'dak li jikkonċerna lili, se nżomm il-pożizzjoni li ħadt fil-punti 36 sa 67 tal-konklużjonijiet li ppreżentajt f'din l-istess kawża u li għalihom qed nirreferi[34].

71. Fit-tieni lok, kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-gvern Ungeriż iqabblu l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Deċiżjoni Qafas 2008/675. F'dan ir-rigward, mill-ispjegazzjonijiet li ġew ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-implementazzjoni ta' din il-proċedura mill-qrati Ungeriżi kompetenti tikkostitwixxi formalità preliminari neċessarja għat-teħid inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement minn qorti ta' Stat Membru ieħor. Il-Gvern Ungeriż, f'dan ir-rigward, jenfasizza n-neċessità li jadatta tali kundanna għal-leġiżlazzjoni kriminali Ungeriża fil-kuntest ta' din il-proċedura speċjali ta' rikonoxximent. Mingħajr tali adattament minn qabel, il-kundanna msemmija ma għandhiex tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali futuri li jistgħu, jekk ikun il-każ, jinfetħu kontra l-persuna li kienet is-suġġett ta' kundanna barranija.

72. Kif indikajt qabel, D. B. Lada bħalissa ma huwiex is-suġġett ta' proċedura kriminali ġdida fl-Ungerija, b'tali mod li r-rilevanza tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li għandha bħala għan, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, "li tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom, *matul proċedimenti kriminali fi Stat Membru kontra persuna*, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, jittieħdu in konsiderazzjoni"[35], tista' tidher dubjuża f'dan il-każ. Is-sitwazzjoni hija, f'dan ir-rigward, differenti minn dik ta' T. Beshkov li, min-naħa tiegħu, kien is-suġġett ta' proċedura kriminali ġdida fil-Bulgarija li fil-kuntest tagħha qamet il-kwistjoni dwar it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanna preċedenti mogħtija minn qorti Awstrijaka[36].

29 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 52).

31 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 44).

32 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh (C-25/15, EU:C:2016:423, punt 46).

33 C-25/15, EU:C:2016:423.

34 C-25/15, EU:C:2016:29.

35 Enfażi miżjud minni.

36 Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:710).

73. Għalhekk, huwa ċar li, hi x'inhi s-sitwazzjoni li fiha ġiet implementata, il-proċedura speċjali ta' rikonoxximent tibqa' kuntrarja għas-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 inkwantu tikkostitwixxi formalità minn qabel mhux prevista minn din id-deċiżjoni qafas u li tikkostitwixxi kundizzjoni għall-applikazzjoni tagħha. Fi kliem ieħor, din il-proċedura hija maħsuba mil-leġiżlatur Ungeriż bħala waħda intiża bħala preparazzjoni għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni barranin fil-kuntest ta' proċeduri kriminali futuri jew preżenti. Għalhekk mill-ħsieb tal-awtoritajiet Ungeriżi tidher li ma tistax tiġi sseparata mill-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Għalhekk huwa utli, sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tiddeċiedi l-kawża prinċipali u, b'mod iktar partikolari, sabiex tiddeċiedi jekk din il-qorti għandhiex jew le timplementa din il-proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent, li l-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, essenzjalment, dak li ddeċidiet fil-punti 35 sa 38 u fil-punt 40 tas-sentenza tagħha tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov [37], jiġifieri li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi li t-teħid inkunsiderazzjoni, fi Stat Membru, ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija qabel minn qorti ta' Stat Membru ieħor ikun suġġett għall-implementazzjoni ta' proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent minn qabel ta' din id-deċiżjoni mill-qrati kompetenti ta' dan l-ewwel Stat Membru. Min-naħa tiegħi, nirreferi għall-punti 27 sa 31 tal-konklużjonijiet li ppreżentajt f'din il-kawża [38].

74. Kuntrarjament għal dak li ddikjaraw il-Gvern Ċek u dak Ungeriż, il-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma tistax titqies li tfisser li Stat Membru għandu l-possibbiltà li jissuġġetta kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor għal proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent qabel ikun jista' jikkunsidraha fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida.

75. Kif indikat il-Kummissjoni Ewropea fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni mill-Istati Membri, tad-[Deċiżjoni Qafas 2008/675], din "għandha valur miżjud konsiderevoli fil-promozzjoni tal-fiduċja reċiproka fil-qasam tal-liġijiet penali u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji fiż-żona Ewropea tal-Ġustizzja billi tinkoraġġixxi kultura ġudizzjarja fejn kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor fil-prinċipju jiġu kkunsidrati" [39]. Għal dan l-iskop, l-Artikolu 3(1) ta' din id-deċiżjoni qafas, moqri fid-dawl tal-premessa 5 tagħha, jistabbilixxi l-obbligu għall--Istati Membri li jkun assigurat li, f'każ ta' proċedura kriminali ġdida mibdija fi Stat Membru kontra persuna, il-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor kontra din l-istess persuna għal fatti differenti, li għalihom l-informazzjoni nkisbet permezz ta' strumenti applikabbli fil-qasam ta' għajnuna ġudizzjarja jew ta' skambju ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, minn naħa, jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn il-kundanni nazzjonali preċedenti huma skont id-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, għandhom jirrikonoxxu effetti ekwivalenti għal dawk marbuta ma' dawn l-aħħar kundanni skont dan id-dritt.

76. B'hekk, id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 hija rregolata mill-prinċipju ta' ekwivalenza [40]. Konformement ma' dan il-prinċipju, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor huwa biss obbligatorju għall-qorti nazzjonali adita f'każ ta' proċeduri kriminali ġodda, sa fejn dan it-teħid inkunsiderazzjoni huwa possibbli f'sitwazzjoni purament nazzjonali.

77. Dan ir-rekwiżit huwa marbut b'mod ċar mal-ħolqien tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'hekk, mar-rikonoxximent reċiproku li jimponi mhux biss it-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni barranija, iżda wkoll l-osservanza tagħha.

37 C-171/16, EU:C:2017:710.

38 C-171/16, EU:C:2017:386.

39 COM(2014) 312 final, p. 12.

40 Ara l-premessi 5 sa 7 ta' din id-deċiżjoni qafas.

78. Għaldaqstant, billi tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni barranija preċedenti, il-qorti li qed tiddeċiedi warajha ma tistax temendaha la f'sens u lanqas f'ieħor. L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jistabbilixxi dan il-prinċipju. Hemm bżonn sempliċiment li l-qorti nazzjonali adita l-aħħar tagħti lil din id-deċiżjoni l-konsegwenzi relatati, skont id-dritt nazzjonali tagħha, mad-deċiżjoni nazzjonali preċedenti.

79. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov[41], l-Artikolu 3(3), kif ukoll il-premessa 13 ta' din id-Deċiżjoni Qafas jipprojbixxu espressament rieżami tad-deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija preċedentement fl-Istati Membri l-oħra, u għalhekk dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni skont kif ġew mogħtija[42].

80. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak sostnut mill-Gvern Ċek u dak Ungeriż, minkejja li l-premessa 13 tindika wkoll li din id-Deċiżjoni Qafas tosserva d-diversità tas-soluzzjonijiet u tal-proċeduri interni neċessarji sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor u ma tipprekludix Stat Membru milli jadotta, jekk meħtieġ, deċiżjoni li tippermetti li jingħataw effetti legali ekwivalenti lil din il-kundanna, l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni ma tistax madankollu, u fi kwalunkwe każ, timplika l-implementazzjoni ta' proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent minn qabel bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali[43].

81. Kollox ma' kollox, għalkemm il-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tindika li Stat Membru jista' jieħu, jekk neċessarju, deċiżjoni li tippermetti li torbot l-effetti ġudizzjarji ekwivalenti għal kundanna preċedenti, dan huwa biss taħt il-kundizzjoni li din id-deċiżjoni tosserva r-regola msemmija fl-Artikolu 3(3) tal-istess deċiżjoni qafas, jiġifieri li ma għandhiex tkun rieżami tal-kundanna.

82. F'dan ir-rigward, hemm differenza kbira bejn, minn naħa, il-fatt li tiġi adottata deċiżjoni li teżamina mill-ġdid sentenza barranija preċedenti u li tista', għalhekk, twassal għal kwalifikazzjoni mill-ġdid ta' reat kriminali u għal tibdil fil-piena mogħtija f'sentenza, u min-naħa l-oħra, dik li tiġi adottata deċiżjoni li tispeċifika l-modalitajiet konkreti tat-teħid inkunsiderazzjoni tas-sentenza barranija fil-kuntest tal-proċedura kriminali ġdida jew li tispeċifika aħjar ir-raġunijiet li għalihom dan it-teħid inkunsiderazzjoni ma huwiex possibbli fil-każ konkret.

83. L-ewwel soluzzjoni tolqot direttament il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, filwaqt li t-tieni waħda għall-kuntrarju tirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni konkret ta' dan il-prinċipju.

84. L-indikazzjonijiet li jinstabu fil-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandhom biss bħala għan, fl-opinjoni tiegħi, li jħallu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni biex jistabbilixxu l-modalitajiet konkreti li bihom is-sentenzi ta' qabel mogħtija fi Stat Membru ieħor huma kkunsidrati mill-qrati tagħhom. Fil-fatt, għandu jiġi ppreċiżat li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma tarmonizzax l-effetti legali li għandhom ikunu marbuta mas-sentenzi preċedenti[44]. L-implementazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku twassal sabiex jiġi rrikonoxxut, għas-sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor, l-istess valur u effetti bħal dawk ta' sentenza nazzjonali preċedenti. Fi kliem ieħor, din id-deċiżjoni qafas tistabbilixxi "prinċipju ta' tqabbil" tad-deċiżjoni meħuda minn Stat Membru ieħor mas-sentenza nazzjonali[45]. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija deċiżjoni qafas tħalli r-responsabbiltà f'idejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali sabiex jisiltu l-konsegwenzi ta' dan il-prinċipju, li jfisser li bl-ebda mod

41 C-171/16, EU:C:2017:710.

42 Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:710, punt 37).

43 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:710, punt 38).

44 Ara l-premessa 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

45 Ara l-proposta ta' deċiżjoni-qafas tal-Kunsill dwar deċiżjonijiet ta' kundanna li jitqiesu bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni ta' proċedura penali ġdida [COM(2005) 91 finali, espożizzjoni tal-motivi, p. 3, iktar 'il quddiem il-"proposta ta' Deċiżjoni Qafas"].

ma tarmonizza l-konsegwenzi marbuta f'kull Stat Membru mas-sentenzi preċedenti, li jibqgħu esklużivament irregolati mid-dritt nazzjonali[46]. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni, l-Istati Membri jipprevedu għalhekk, fid-drittijiet nazzjonali tagħhom, effetti legali differenti, li jistgħu, minbarra dan, jiġu applikati skont modalitajiet diversi u fi stadji differenti tal-proċedura kriminali tagħhom.

85. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonstatat fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta ta' deċiżjoni qafas tagħha li l-effetti tal-kundanni preċedenti huma differenti ħafna skont is-sistemi nazzjonali. F'ċerti Stati Membri, l-eżistenza ta' kundanna preċedenti hija element *de facto*, li għandha tiġi evalwata mill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jikkunsidrawha biex jieħdu d-deċiżjoni tagħhom. Fi Stati Membri oħra, teżisti sistema ta' reċidività legali f'sens wiesa', li torbot ċerti effetti tad-dritt mal-eżistenza ta' kundanna preċedenti, peress li dawn l-effetti ma jaqgħux taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet kompetenti. F'każ li għandu jingħata qafas legali għar-reċidività, il-Kummissjoni tindika li l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom effetti ekwivalenti huma marbuta mal-eżistenza ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, il-mekkaniżmi nazzjonali ta' reċidività legali huma spiss marbuta direttament mal-istruttura ta' reat u ta' pieni li teżisti fuq il-livell nazzjonali, b'mod partikolari fil-każijiet kollha fejn jeżistu sistemi ta' reċidività speċjali[47].

86. Fid-dawl ta' dawn l-ispjegazzjonijiet, il-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għalhekk ma tistax tinqara bħal li tippermetti l-implementazzjoni ta' proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent ta' sentenzi fi kwistjonijiet kriminali mogħtija fi Stati Membri oħra, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Qari estensiv bħal dan imur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' dawn is-sentenzi. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet restrittivi ħafna tal-premessa 13 ta' din id-deċiżjoni qafas juru li l-possibbiltà għall-Istati Membri li jieħdu deċiżjoni li tippermetti li jingħataw effetti legali ekwivalenti għal kundanna barranija preċedenti, suġġetta għall-projbizzjoni ta' eżami mill-ġdid ta' din il-kundanna, ma jistax ikollhom irwol jekk mhux każ b'każ, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, f'każijiet tant evidenti li jkun possibbli li jiġu indirizzati fl-iqsar ħin possibbli mitlub minn din l-istess premessa.

87. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti niddeduċi li s-sistema implementata bid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tipprekludi li Stat Membru jissuġġetta d-deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija mill-qrati ta' Stati Membri oħra għal proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent fil-kuntest li fih dawn id-deċiżjonijiet ikunu s-suġġett ta' eżami mill-ġdid li jista' jwassal biex jiġu emendati sabiex jiġu adattati għal-liġi kriminali ta' dan l-Istat Membru. F'dan ir-rigward infakkar li l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent prevista mid-dritt Ungeriż tista' twassal għal klassifikazzjoni mill-ġdid tar-reat li kien is-suġġett ta' deċiżjoni finali min-naħa ta' qorti ta' Stat Membru ieħor u għal adattament tal-piena mogħtija mal-liġi kriminali Ungeriża.

88. Ċertament, il-Gvern Ungeriż spjega lill-Qorti tal-Ġustizzja li kien ġie deċiż, wara s-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh[48], li ma jimplementax iktar b'mod sistematiku l-proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' sentenzi barranin[49]. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, jekk b'xi mod din tikkostitwixxi ċirkustanza aggravanti, ma għandhiex tkun in-natura sistematika tal-implementazzjoni ta' din il-proċedura li tiġġustifika l-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tal-proċedura msemmija mad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Dak li jikkonkretizza din l-inkompatibbiltà huwa l-fatt li din il-proċedura, anki jekk tiġi implementata biss f'każ ta' proċedura kriminali ġdida effettivament mibdija kontra persuna li kienet is-suġġett ta' kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, u mhux iktar b'mod sistematiku indipendentement minn kwalunkwe proċeduri kriminali ġodda, minn naħa, tikkostitwixxi formalità preliminari li tikkundizzjona t-teħid inkunsiderazzjoni ta' tali kundanna preċedenti u, minn naħa l-oħra, tikkostitwixxi rieżami mill-ġdid ta' din il-kundanna li tista' twassal biex temendaha sabiex tadattaha għal-leġiżlazzjoni kriminali Ungeriża.

46 Ara l-proposta tad-deċiżjoni qafas (espożizzjoni tal-motivi, p. 5).

47 Ara l-proposta tad-deċiżjoni qafas (p. 5 u 6).

48 C-25/15, EU:C:2016:423.

49 Il-Gvern Ungeriż indika, waqt is-seduta, li din l-evoluzzjoni se tiġi fformalizzata fil-kuntest ta' liġi ġdida li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

89. Għandu jiġi indikat li s-sistema implementata mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 fuq dan il-punt tinkludi differenza fundamentali minn dak stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea [50]. Fil-fatt, filwaqt li l-ewwel waħda ma tippermetti l-ebda adattament ta' kundanni barranin sabiex jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida, it-tieni waħda tistabbilixxi, fl-Artikolu 8 tagħha, kundizzjonijiet stretti għall-adattament, mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, tas-sentenza mogħtija fl-Istat emittenti, li jikkostitwixxu l-uniċi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' prinċipju, li għandha ġġorr l-imsemmija awtorità, li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li tiġi teżegwixxi l-piena li t-tul u n-natura tagħha jikkorrispondu ma' dawk previsti fis-sentenza mogħtija fl-Istat emittenti [51]. Madankollu, tali fakultà ta' adattament ta' kundanna barranija ma tista' bl-ebda mod tintuża mill-Gvern Ungeriż fil-kuntest ta' din il-kawża għaliex hu ċar li din ma tikkonċernax l-implementazzjoni tal-proċedura speċjali ta' rikonoxximent fid-dawl tal-eżekuzzjoni fl-Ungerija tal-kundanna li ġiet mogħtija mil-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt) fir-rigward ta' D. B. Lada.

90. Fl-aħħar nett, nenfasizza li l-eżistenza ta' proċedura bħal dik implementata mill-awtoritajiet Ungeriżi qabel ir-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja kriminali barranija fir-rekords kriminali nazzjonali, kemm jekk b'mod sistematiku jew le, jidhirli li ma għandha l-ebda utilità fil-kuntest tas-sistema stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u bid-Deċiżjoni 2009/316 u, għaldaqstant, li tikkontradixxi lil dawn tal-aħħar. Dawn iż-żewġ normi jorganizzaw primarjament l-informazzjoni komuni fir-rekords kriminali tal-Istati Membri. Il-problema tissimplifika ruħha fiha nnifisha jekk tiġi kkunsidrata l-utilità fundamentali tar-rekords kriminali.

91. L-eżistenza ta' rekord kriminali tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji li jkunu jafu jekk individwu partikolari ġiex ikkundannat, f'hiex tikkonsisti l-piena tiegħu kif ukoll ir-reati mwettqa, li jippermettu, jekk ikun il-każ, li tiġi stabbilita jew eskluża eventwali reċidività u jiġi vverifikat jekk il-piena mogħtija ġietx eżegwita.

92. Fiha nnifisha, ir-reġistrazzjoni fir-rekords kriminali ma tikkostitwixxi la teħid inkunsiderazzjoni u lanqas eżekuzzjoni ta' kundanna. Huwa permezz ta' konsulta mar-rekords kriminali fil-kuntest ta' proċeduri sussegwenti li l-awtorità ġudizzjarja tara jekk hemmx xi kundanna li hi għandha tieħu inkunsiderazzjoni jew teżegwixxi. Huwa biss f'dan il-każ, u skont il-każ, li l-qorti adita fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida tqajjem il-kwistjoni tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanna jew tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għall-eżekuzzjoni tagħha.

93. Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta d-dritt primarju tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 82(1) TFUE, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, billi tenfasizza l-fatt li l-qrati nazzjonali jkunu għalhekk f'pożizzjoni li jinjoraw il-leġiżlazzjoni Ungeriża kuntrarja għal dan id-dritt, ħaġa li ma jistgħux jagħmlu jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita ruħha biex tinterpreta deċiżjonijiet qafas u biex tisħaq fuq in-nuqqas ta' konformità ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' dawn [52]. B'hekk inħolqot il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjonijiet qafas jistgħux jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali kuntrarja.

94. Huwa ċar, fil-fehma tiegħi, li l-proċedura speċjali Ungeriża tikser b'mod ċar il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 82(1) TFUE. Fil-fatt, kif tinnota ġustament il-Kummissjoni, din il-proċedura tostakola r-rikonoxximent awtomatiku ta' sentenzi mogħtija fi Stati Membri oħra peress li hi tipprevedi, minflok ir-rikonoxximent ta' dawn is-sentenzi, is-sostituzzjoni

50 ĠU 2008, L 327, p. 27.

51 Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:835, punt 36).

52 Ara r-risposta tal-qorti tar-rinviju għal talba għal informazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, punti 1 u 5. Ara wkoll il-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tagħhom minn deċiżjoni nazzjonali, li hi biss jista' jkollha effetti ġuridiċi fl-ordni ġuridiku Ungeriż. Il-kliem tal-Artikolu 47(3) tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali huwa, f'dan ir-rigward, ċar ħafna, inkwantu jipprevedi li, "[j]ekk il-qorti Ungeriża rrikonoxxiet l-effettività ta' sentenza barranija, ir-reat għandu jitqies daqs li kieku kien is-suġġett ta' deċiżjoni tal-qorti Ungeriża b'awtorità ta' *res judicata*". Għandu jingħad ukoll li d-deċiżjoni meħuda mill-qorti Ungeriża kompetenti fi tmiem il-proċedura speċjali ta' rikonoxximent jista' jkollha, jekk ikun il-każ, adattament ta' sentenza barranija sabiex issir kompatibbli mad-dritt Ungeriż. Dan jixhdu l-Artikolu 48(2) sa (6) tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali.

95. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' għalhekk tagħżel li tiffoka r-risposta tagħha għall-qorti tar-rinviju fuq l-Artikolu 82(1) TFUE. Fil-fatt, dan l-artikolu jistabbilixxi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali u ssostitwixxa l-Artikolu 31 UE li fuqu huma bbażati kemm id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 kif ukoll id-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

96. Madankollu, din ma hijiex id-direzzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet fis-sentenzi tagħha tad-9 ta' Ġunju 2016, Balogh [53], u tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov [54], biex insemmu xi ftit, li fihom, filwaqt li semmiet il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali fis-sentenzi tagħha, hija interpretat normi tad-dritt derivat tal-Unjoni billi implementat dan il-prinċipju.

97. Fil-fehma tiegħi, din id-direzzjoni għandha titkompla għaliex huma proprju dawn in-normi tad-dritt derivat tal-Unjoni li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-limiti li fihom il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali għandu jiġi applikat, fir-rigward tal-karatteristiċi ta' oqsma differenti tal-proċedura kriminali, u li, għalhekk, jistgħu jeħtieġu kjarifika min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja.

98. Madankollu, il-Qorti għadha trid tispjega l-konsegwenzi li l-qrati nazzjonali għandhom jisiltu minn konstatazzjoni ta' inkompatibbiltà bejn leġiżlazzjoni nazzjonali u deċiżjoni qafas u, b'mod partikolari, jiddikjaraw b'mod ċar li dawn il-qrati, meta jiġu kkonfrontati bl-impossibbiltà li jinterpretaw tali leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod konsistenti ma' tali norma ta' dritt derivat tal-Unjoni, l-obbligu, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kuntrarja.

99. Din id-diffikultà diġà ġiet diskussa fil-konklużjonijiet li ppreżentajt fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski [55]. Wara din is-sentenza, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) għal darba oħra, għamlet domanda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fuq id-diffikultà msemmija, fil-kawża pendenti Popławski (C-573/17). Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha diversi opportunitajiet biex tispjega jekk, meta qorti nazzjonali tikkunsidra li interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li hija konformi ma' deċiżjoni qafas tidher li ma tkunx possibbli, din il-qorti hija obbligata li tħalli dan id-dritt mhux applikat.

100. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-konstatazzjoni li tgħid li deċiżjoni qafas ma tistax twassal għal effett dirett, ma tistax taħbi l-fatt li, skont l-Artikolu 34(2)(b) UE [56], din torbot lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq, filwaqt li tħalli f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi [57]. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza ferm stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ġenerali jew partikolari kollha li huma xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom taħt deċiżjoni qafas [58].

53 C-25/15, EU:C:2016:423.
54 C-171/16, EU:C:2017:710.
55 C-579/15, EU:C:2017:503. Konklużjonijiet ippreżentati fil-15 ta' Frar 2017 (Popławski, C-579/15, EU:C:2017:116).
56 Fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mit-Trattat ta' Amsterdam.
57 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).
58 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

101. B'mod partikolari, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li n-natura vinkolanti ta' deċiżjoni qafas twassal sabiex, fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-qrati nazzjonali, ikun hemm obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali. B'hekk, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, dawn il-qrati, li huma mitluba jinterpretawh, għandhom jagħmlu dan, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-deċiżjoni qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha. Dan l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali huwa inerenti fis-sistema tat-Trattat FUE peress li jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiżguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta dawn jiddeċiedu l-kawżi li jkunu aditi bihom [59].

102. Huwa minnu li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti. B'dan il-mod, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' deċiżjoni qafas meta hija tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tagħha huwa limitat bil-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari, b'dawk ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività. Dawn il-prinċipji jipprekludu, b'mod partikolari, li l-obbligu msemmi jkun jista' jwassal sabiex tiġi ddeterminata jew aggravata, abbażi ta' deċiżjoni qafas u indipendentement minn liġi adottata għall-implementazzjoni ta' din tal-aħħar, ir-responsabbiltà kriminali ta' dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet tagħha [60]. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax iservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali [61].

103. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jinsab fil-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni qafas inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha [62]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi li l-qrati nazzjonali jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' deċiżjoni qafas [63]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, fil-każ fejn qorti nazzjonali tqis li hija tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali b'mod konformi ma' deċiżjoni qafas, minħabba li hija marbuta bl-interpretazzjoni mogħtija lil din id-dispożizzjoni nazzjonali mill-qorti suprema nazzjonali f'sentenza interpretattiva, hija għandha tiżgura l-effett sħiħ tad-deċiżjoni qafas u tħalli, jekk hemm bżonn, mhux applikata, fuq inizjattiva tagħha stess, l-interpretazzjoni adottata mill-qorti suprema nazzjonali, ladarba din l-interpretazzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [64].

104. Wara dawn l-ispjegazzjonijiet dwar l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi li għandhom il-qrati nazzjonali, għandu jitfakkar li finalment, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk id-dritt nazzjonali tagħha, u, b'mod partikolari, l-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi dwar l-għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali, tistax tingħata interpretazzjoni li tkun konformi mad-Deċiżjonijiet Qafas 2009/315 u 2008/675.

105. Peress li ma huwiex ċar jekk il-qorti tar-rinviju tistax tasal għal interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, jidhirli li huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti, f'każ li tali interpretazzjoni konformi ma tkunx possibbli, liema konsegwenzi konkreti għandhom jiġu misluta mill-qorti nazzjonali fin-nuqqas ta' konformità mad-Deċiżjonijiet Qafas 2009/315 u 2008/675 tal-Artikoli 46 sa 48 tal-Liġi dwar għajnuna ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet kriminali.

59 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).
60 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
61 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
62 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).
63 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).
64 Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

106. Bħala regola, meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jistgħux ikollhom interpretazzjoni konformi, il-qorti nazzjonali hija marbuta li tħallihom mhux applikati, bl-għan li tapplika b'mod sħiħ id-dritt tal-Unjoni.

107. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà wasslet sabiex tieħu deċiżjoni dwar il-portata ġuridika tal-istrumenti adottati fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat UE, li jirrigwarda l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, hija madankollu llimitat ruħha, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino [65], li testendi l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi għal dawn l-istrumenti, billi rrikonoxxiet li deċiżjoni qafas fuq dan il-livell tista' titqabbel ma' direttiva.

108. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx dwar il-punt jekk in-nuqqas ta' konformità ta' regola nazzjonali ma' deċiżjoni qafas timplikax, għall-qorti nazzjonali, l-obbligu li twarrab din ir-regola nazzjonali meta hija ma tistax tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni konformi.

109. Hekk kif sostnejt fl-Opinjoni tiegħi tat-28 ta' April 2008 fil-Kawża Kozłowski [66], ir-raġunijiet għalfejn, fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa [67], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri, wara li qablu volontarjament li jittrasferixxu l-kompetenzi tagħhom lill-Komunità, ma jistgħux jinvokaw dispożizzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom, tkun xi tkun, kontra att Komunitarju vinkolanti, jistgħu għaldaqstant jiġu applikati għal deċiżjoni qafas. Fl-opinjoni tiegħi, deċiżjoni qafas, bħal kull att tad-dritt Komunitarju li huwa vinkolanti, hija tali li tipprevali fuq kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, tkun xi tkun, anki jekk tkun ta' natura kostituzzjonali jew jekk hija parti mid-dritt fundamentali. B'hekk, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-qorti nazzjonali tiżgura l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni "billi fejn ikun neċessarju ma tapplikax, fuq inizjattiva tagħha stess, kull dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja" [68].

110. Diversi kunsiderazzjonijiet jimmilitaw favur ir-rikonoxximent tal-prinċipju ta' supremazija għad-deċiżjonijiet qafas adottati fil-kuntest tat-tielet pilastru [69].

111. L-ewwel kunsiderazzjoni hija ta' natura testwali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, bl-eċċezzjoni tar-riżerva li tirrigwarda l-assenza ta' effett dirett tad-deċiżjonijiet qafas, il-leġiżlatur tal-Unjoni bbaża s-sistema tad-deċiżjonijiet qafas fuq dik tad-direttivi, billi pprovda li dawn għandhom "[jorbtu] lill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda [jħallu] l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali" [70]. Peress li l-karatteristika intransiġibbli tad-deċiżjonijiet qafas hija limitata għall-assenza ta' effett dirett tagħhom [71], ma hemm l-ebda raġuni sabiex tiġi eskluża, għall-kumplament, is-supremazija ta' dawn l-istrumenti minħabba li dawn jaqgħu fil-qasam tal-kooperazzjoni intergovernattiva.

65 C-105/03, EU:C:2005:386.

66 C-66/08, EU:C:2008:253.

67 6/64, EU:C:1964:66.

68 Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 34).

69 Ara, f'dan is-sens, Lenaerts, K. u Corthaut, T., "Of birds and hedges: the role of primacy in invoking norms of EU law", *European Law Review*, Sweet and Maxwell, Londra, 2006, p. 287-315. Ara, f'sens kuntrarju, Peers, S., "Salvation outside the church: judicial protection in the third pillar after the Pupino and Segi judgments", *Common Market Law Review*, n°44, Issue 4, Wolters Kluwer Law and Business, Alphen aan den Rijn, 2007, p. 883-929, b'mod partikolari p. 920, li jikkunsidra li, kieku l-prinċipji ta' supremazija u ta' effett dirett kienu applikati għat-tielet pilastru, l-intenzjonijiet tal-awturi tat-trattati jkunu injorati. Dan l-awtur jammetti madankollu li l-fatt li r-rikonoxximent tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tat-tielet pilastru jsaħħaħ il-prinċipju ta' effettività u ma jiksirx espressament it-test tat-trattati (p. 917).

70 Artikolu 34(2)(b) UE, fil-verżjoni tiegħu li jirriżulta mit-Trattat ta' Amsterdam.

71 Prechal, S. u Marguery, T. iddeskrivew l-assenza ta' effett dirett tad-deċiżjonijiet qafas bħala "karatteristika żgħira" f'"La mise en œuvre des décisions-cadres une leçon pour les futures directives pénales?", *L'exécution du droit de l'Union, entre mécanismes communautaires et droits nationaux*, Bruylant, Brussell, 2009, p. 225-251, b'mod partikolari p. 250.

112. It-tieni kunsiderazzjoni hija marbuta mar-rikonoxximent, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-obbligu tal-qorti nazzjonali li tuża l-metodu ta' interpretazzjoni konformi sabiex tiżgura l-effettività sħiħa tad-deċiżjonijiet qafas u sabiex tasal għal soluzzjoni konformi mal-għan tagħhom.

113. Huwa minnu li, sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha mhux fuq il-prinċipju ta' supremazija iżda fuq dak ta' kooperazzjoni leali. B'hekk, hija ddikjarat li dan il-prinċipju tal-aħħar, li jimplika, b'mod partikolari li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni, għandu japplika wkoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni mill-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li fuq kollox hija bbażata kompletament fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet [72]. Dan ir-raġunament diġà ġie ppreżentat fis-sentenza tal-10 ta' April 1984, Von Colson u Kamann [73], peress li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet b'mod partikolari ddeduċiet li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dmir tal-Istati Membri sabiex jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, filwaqt li spjegat li dan id-dritt huwa impost fuq l-awtoritajiet nazzjonali kollha, inklużi, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji [74].

114. Xorta jibqa' l-fatt li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi, li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, skont ġurisprudenza stabbilita, bħala "inerenti għas-sistema tat-Trattat FUE għaliex dan jippermetti li l-qrati nazzjonali jiggarantixxu, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta dawn jiddeċiedu l-kawżi li jkollhom quddiemhom" [75], jirriżulta mill-ħtieġa ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u n-neċessità li tiġi żgurata s-supremazija ta' dan tal-aħħar fuq id-dritt nazzjonali tal-Istati Membri [76]. Qabel kollox, ir-rikonoxximent tal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi permezz tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jissopponi li huwa neċessarju li tiġi ammessa, anki b'mod sottostanti, is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, kif jista' l-obbligu ta' kooperazzjoni leali, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, jiġġustifika li l-qorti nazzjonali tkun marbuta tibdel it-tifsira tad-dritt nazzjonali tagħha f'sens konformi mad-dritt tal-Unjoni jekk dan l-obbligu ma kienx ikkunsidrat bħala wieħed li għandu jipprevali fuq l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tiddeċiedi l-kawża skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali tagħha?

115. It-tielet kunsiderazzjoni hija marbuta mal-evoluzzjoni tal-kuntest ġuridiku li tirriżulta mit-tmiem tal-perijodu tranżitorju previst mill-Protokoll (Nru 36) fuq id-dispożizzjonijiet tranżitorji, anness mat-Trattati. Skont l-Artikolu 10(3) ta' dan il-protokoll, il-miżura tranżitorja prevista fil-paragrafu 1 waqfet milli tipproduċi l-effetti tagħha ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jiġifieri fit-30 ta' Novembru 2014. Il-fatt li t-tielet pilastru ġie assorbit definittivament fil-qasam li jinsab fit-tielet parti tat-Trattat FUE, Titolu V, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jeżiġi "interpretazzjoni Komunitarja" [77]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, b'mod partikolari, li, filwaqt li l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja konformi ma' dak li kien l-Artikolu 35 UE kienet tirrifletti n-natura intergovernattiva tal-kooperazzjoni fil-kuntest tat-tielet pilastru, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, minn dik id-data, kompetenza preliminari awtomatika u obbligatorja, peress li din ma għadhiex iżjed suġġetta għal dikjarazzjoni li tgħid li kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi din il-kompetenza u għandu jindika l-qrati nazzjonali li jistgħu jirreferu għall-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan

72 Ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, EU:C:2005:386, punt 42).

73 14/83, EU:C:1984:153.

74 Ara s-sentenza tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann (14/83, EU:C:1984:153, punt 26).

75 Ara, finalment, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, BP Europa (C-64/15, EU:C:2016:62, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Ara, f'dan is-sens, Simon, D., "La panacée de l'interprétation conforme: injection homéopathique ou thérapie palliative?", *De Rome à Lisbonne: les juridictions de l'Union européenne à la croisée des chemins, Mélanges en l'honneur de Paolo Mengozzi*, Bruylant, Brussell, 2013 p. 279-298. Dan l-awtur jikkunsidra li "l-elevazzjoni tal-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-dinjità ta' "prinċipju inerenti għas-sistema tat-trattat" huwa parallel [...] mas-supremazija [tad-dritt tal-Unjoni] fuq id-dritt nazzjonali tal-Istati Membri" (p. 282). Huwa jżid li "ir-rabta mas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni b'mod ġenerali u mhux biss mal-implementazzjoni tad-direttivi b'mod partikolari, hija murija bl-obbligu li tiġi żgurata interpretazzjoni "ewrokompatibbli" mhux biss fl-att ta' traspożizzjoni, iżda fil-liġijiet nazzjonali kollha, kemm jekk ikun preċedenti jew sussegwenti għad-direttiva" (p. 283).

77 Prechal, S. u Marguery, T., "La mise en œuvre des décisions-cadres, une leçon pour les futures directives pénales?", *L'exécution du droit de l'Union, entre mécanismes communautaires et droits nationaux*, Bruylant, Brussell, 2009, p. 225-251, b'mod partikolari p. 232.

ir-rigward, huwa interessanti li jiġi rrilevat li, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino[78], il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq "[l-]importanza tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjonijiet preliminari skond l-Artikolu 35 UE", sabiex tiġġustifika li jiġi rrikonoxxut li l-individwi għandhom id-dritt li jinvokaw id-deċiżjonijiet qafas sabiex jiksbu interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali quddiem il-qrati tal-Istati Membri[79]. Ir-rikonoxximent ta' kompetenza identika għal dik li l-Qorti tal-Ġustizzja żammet fil-kuntest tal-ewwel pilastru juri proċess b'saħħtu ta' konverġenza bejn dawn iż-żewġ pilastri, li jiġġustifika li l-effetti tad-deċiżjonijiet qafas jiġu bbażati fuq dawk tad-direttivi, bl-eċċezzjoni, ċertament, tal-effett dirett li huwa eskluż b'mod espress.

116. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti niddeduċi li d-deċiżjoni qafas hija intiża, abbażi tal-prinċipju ta' supremazija, sabiex tipprevali fuq kull dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali li tmur kontriha.

117. Jidhirli li huwa importanti wkoll li jitfakkar dak li l-Qorti tal-Ġustizzja indikat b'mod qawwi fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Frar 2013, Melloni[80], li kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[81], jiġifieri li "[...] ġurisprudenza ferm stabbilita tipprovdi li skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li huwa karatteristika essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-fatt li Stat Membru jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk dawn ikunu ta' livell kostituzzjonali, ma jistax jaffettwa l-effett tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju ta' dan l-Istat"[82].

118. Skont il-loġika ta' separazzjoni bejn l-effett "ta' sostituzzjoni" u "l-invokabbiltà ta' esklużjoni"[83], nikkunsidra li l-assenza ta' effett dirett tad-deċiżjoni qafas ma tfissirx li l-qorti nazzjonali ma għandhiex l-obbligu li twarrab id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, dan l-obbligu jirriżulta direttament mill-prevalenza tad-dritt tal-Unjoni fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jostakolaw l-effettività sħiħa tiegħu.

119. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma validi, fl-opinjoni tiegħi, *a fortiori* għad-deċiżjonijiet adottati b'mod konformi mal-Artikolu 34(2)(c) UE, bħad-Deċiżjoni 2009/316.

120. Konsegwentement, jien tal-opinjoni li hija l-qorti nazzjonali li għandha, billi tikkunsidra d-dritt nazzjonali kollu u tapplika metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu, tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn hu possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, tad-Deċiżjoni 2009/316 u tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. F'każ li tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, il-qorti nazzjonali tkun marbuta li ma tapplikax dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni.

78 C-105/03, EU:C:2005:386.

79 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, EU:C:2005:386, punti 37 u 38).

80 C-399/11, EU:C:2013:107.

81 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34.

82 Ara l-punt 59 ta' din is-sentenza kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

83 Ara, b'mod partikolari, fuq din id-distinzjoni, Simon, D., "L'invocabilité des directives dans les litiges horizontaux: confirmation ou infléchissement?", *Revue Europe*, Nru 3, LexisNexis, Pariġi, 2010. Ara wkoll Dougan, M., "When worlds collide! Competing visions of the relationship between direct effect and supremacy", *Common Market Law Review*, n°44, Issue 4, Wolters Kluwer Law and Business, Alphen aan den Rijn, 2007, p. 931-963.

## IV. Konklużjoni

121. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula mit-Törvényszék Szombathelyi (il-Qorti Suprema ta' Szombathely, l-Ungerija) tkun kif ġej:

1) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, tas-6 ta' April 2009, dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent mill-qorti ta' Stat Membru ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna lil persuna għat-twettiq ta' reat.

2) Konformement ma' din id-deċiżjoni qafas u ma' din id-deċiżjoni, ir-reġistrazzjoni fir-rekord kriminali mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru ta' ċittadinanza tal-kundanni mogħtija mill-qrati tal-Istat Membru li jikkundanna għandha ssir direttament abbażi tat-trażmissjoni mill-awtorità ċentrali ta' dan l-aħħar Stat Membru, permezz tal-ECRIS, tal-informazzjoni dwar dawn il-kundanni taħt il-forma ta' kodiċijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din ir-reġistrazzjoni ma tistax tiddependi mill-implementazzjoni minn qabel ta' proċedura ta' rikonoxximent ġudizzjarju tal-imsemmija kundanni, bħall-proċedura speċjali Ungeriża, u lanqas *a fortiori* mill-komunikazzjoni lill-Istat Membru ta' ċittadinanza tas-sentenza ta' kundanna għall-finijiet ta' tali rikonoxximent.

3) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI, tal-24 ta' Lulju 2008, dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi li t-teħid inkunsiderazzjoni, fi Stat Membru, ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement minn qorti ta' Stat Membru ieħor jiġi suġġett għall-implementazzjoni ta' proċedura nazzjonali ta' rikonoxximent minn qabel ta' din id-deċiżjoni mill-qrati kompetenti ta' dan l-ewwel Stat Membru.

4) Hija l-qorti nazzjonali li għandha, billi tikkunsidra d-dritt nazzjonali kollu u tapplika metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu, tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn hu possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, tad-Deċiżjoni 2009/316 u tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. F'każ li tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, il-qorti nazzjonali tkun marbuta li ma tapplikax dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni.